Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 11 ta' Novembru 2022**
**(OR. en)**

**13958/22**

**CDR 132**

**ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

| | |
|---|---|
| Suġġett: | DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li taħtar membru, propost mir-Repubblika Taljana, fil-Kumitat tar-Reġjuni |

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/...**

**ta'...**

**li taħtar membru,**
**propost mir-Repubblika Taljana,**
**fil-Kumitat tar-Reġjuni**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/852 tal-21 ta' Mejju 2019 li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[1],

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Taljan,

[1] ĠU L 139, 27.5.2019, p. 13.

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 300(3) tat-Trattat, il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jkun kompost minn rappreżentanti tal-korpi reġjonali u lokali, li jew ikollhom mandat elettorali ta' awtorità reġjonali jew lokali jew ikunu politikament responsabbli quddiem assemblea eletta.

(2) Fl-20 ta' Jannar 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2020/102[1], li taħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025.

(3) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sur Sebastiano MUSUMECI, sar vakanti s-siġġu ta' membru fil-Kumitat tar-Reġjuni.

(4) Il-Gvern Taljan ippropona lis-Sur Christian SOLINAS, rappreżentant ta' korp reġjonali li għandu mandat elettorali ta' awtorità reġjonali, *Presidente della Regione Sardegna* (President tar-Reġjun Awtonomu ta' Sardenja), bħala membru fil-Kumitat tar-Reġjuni sat-23 ta' Frar 2024,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

[1] Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/102 tal-20 ta' Jannar 2020 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 20, 24.1.2020, p. 2).

*Artikolu 1*

Is-Sur Christian SOLINAS, rappreżentant ta' korp reġjonali li għandu mandat elettorali, *Presidente della Regione Sardegna* (President tar-Reġjun Awtonomu ta' Sardenja), huwa b'dan maħtur bħala membru fil-Kumitat tar-Reġjuni sat-23 ta' Frar 2024.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi...,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*